# L-Indikaturi Industrijali Bikrin: K1/2024

NR 093/2024 Data tal-Ħruġ: 21 ta' Mejju 2024 Data tal-Għeluq: 10 ta' Mejju 2024

*Matul l-ewwel kwart tal-2024, il-fatturat industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun naqas b'0.4 fil-mija fuq ir-raba' kwart tal-2023. Meta mqabbel mal-istess żmien tal-2023, il-fatturat industrijali aġġustat bil-jiem tax-xogħol żdied b'6.0 fil-mija.*



**Tqabbil mat-tliet xhur ta' qabel**

Fl-ewwel kwart tal-2024, il-fatturat industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun naqas b'0.4 fil-mija fuq ir-raba' kwart tal-2023. Kien irreġistrat tnaqqis ta' 9.2 fil-mija fl-oġġetti intermedji. Għall-kuntrarju ta' dan, l-oġġetti tal-konsum, l-oġġetti kapitali u l-enerġija żdiedu b'6.7 fil-mija, bi 2.5 fil-mija u b'1.0 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 1).

Fil-qasam industrijali, l-għadd ta' impjiegi aġġustat għall-effetti tal-istaġun żdied b'0.2 fil-mija (Tabella nru 3). Matul dan il-perjodu, is-sigħat maħduma fl-industrija żdiedu b'0.8 fil-mija (Tabella nru 5) u l-pagi u s-salarji gross fl-industrija żdiedu bi 2.2 fil-mija (Tabella nru 7).

**Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Meta mqabbel mal-istess tliet xhur tal-2023, il-fatturat industrijali aġġustat bil-jiem tax-xogħol żdied b'6.0 fil-mija. Iż-żidiet kienu rreġistrati fl-oġġetti tal-konsum (19.0 fil-mija), fl-oġġetti kapitali (10.8 fil-mija) u fl-enerġija (2.6 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-oġġetti intermedji naqsu b'5.7 fil-mija (Tabella nru 2).

Meta mqabbel mal-ewwel kwart tal-2023, kien hemm żieda ta' 0.8 fil-mija fl-għadd ta' impjiegi industrijali li ma kienx aġġustat (Tabella nru 4). In-numru ta' sigħat maħduma fl-industrija, aġġustat bil-jiem tax-xogħol, naqas b'0.6 fil-mija (Tabella nru 6), filwaqt li l-pagi u s-salarji gross fl-industrija, aġġustati bil-jiem tax-xogħol, żdiedu b'7.7 fil-mija (Tabella nru 8).

## Ċart nru 1. It-tibdil fil-fatturat industrijali annwali aġġustat bil-jiem tax-xogħol

(differenza fil-persentaġġ meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel)

